Nru. 17,816
Prezz Lm1.76ċ
Price Lm1.76c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 13 ta' Settembru, 2005
Tuesday, 13th September, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 940

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,814 u 17,815 tas-6 u d-9 ta' Settembru, 2005, rispettivament.

A.L. Nru. 313 ta' l-2005: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2005 dwar Kontroll Uffiċjali ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel.

A.L. Nru. 314 ta' l-2005: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Miżuri għall-Qerda tal-Bruċellosi, Tuberkulosi u Lewkosi fl-Ifrat.

A.L. Nru. 315 ta' l-2005: Att ta' l-2005 dwar Arkivji Nazzjonali (Att Nru. V ta' l-2005); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

It-13 ta' Settembru, 2005

GOVERNMENT NOTICES

No. 940

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,814 and 17,815 of the 6th and the 9th September, 2005, respectively.

L.N. No. 313 of 2005: Veterinary Services Act (Cap. 437); Official Control of Foodstuffs Rules, 2005.

L.N. No. 314 of 2005: Veterinary Services Act (Cap. 437); Measures for the Eradication of Brucellosis, Tuberculosis and Leucosis in Cattle Rules, 2005.

L.N. No. 315 of 2005: National Archives Act, 2005 (Act No. V of 2005); Commencement notice.

13th September, 2005

Nru. 941

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Louis Galea, B.A., LL.D., M.P., Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Settembru 2005, u l-Onor. Tonio

No. 941

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Louis Galea, B.A., LL.D., M.P., Minister of Education, Youth and Employment, assumes the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance, on Friday, 9 September 2005, and that the Hon.

Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi b'seħħ minn nhar il-Ħadd, l-10 ta' Settembru, 2005, matul l-assenza kontinwa ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

Id-9 ta' Settembru, 2005
(OPM 1/2005)

Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, assumes the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance with effect from Saturday, 10 September 2005, during the continued absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

9th September, 2005

Nru. 942

ĦATRA TA' AĠENT SEGRETARJU, KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

IS-SEGRETARJU Permanenti, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 942

APPOINTMENT OF ACTING SECRETARY, PUBLIC SERVICE COMMISSION

THE Permanent Secretary, in the Office of the Prime Minister, has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Ms Margaret Bonello	Segretarja *Secretary*	Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku *Public Service Commission*	13 - 23.09.2005

It-13 ta' Settembru, 2004

13th September, 2005

Nru. 943

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DIVIŻJONI TAL-KONSUMATUR U KOMPETIZZJONI)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Kompetittività u Komunikazzjoni, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 943

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CONSUMER AND COMPETITION DIVISION)

THE Permanent Secretary, Ministry of Competitiveness and Communications, has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Godwin Mangion	Direttur Ġenerali *Director General*	Konsumatur u Kompetizzjoni *Consumer and Competition*	14-17.09.2005

It-13 ta' Settembru, 2005

13th September, 2005

Nru. 944

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

IS-SEGRETARJU Permanenti, fil-Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 944

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Permanent Secretary, in the Ministry for Competitiveness and Communications, has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Noel Bartolo	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	12 - 16.09.2005

It-13 ta' Settembru, 2004

13th September, 2005

Nru. 945

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ U IMPIEG

Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impieg

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg innomina lill-persuni hawn taħt imsemmija bħala membri tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impieg sat-28 ta' Awissu 2006.

Chairperson Indipendenti
Il-Prof. Edward Zammit

Deputat Chairperson
Dott. Noel Vella

Membri
Is-Sur John Bencini
Is-Sur Emmanuel Micallef
Is-Sur Michael Parnis
Is-Sur Gaetan Tanti
Is-Sur Wilfred Kenely
Is-Sur Joseph Farrugia
Is-Sur Tonio Farrugia
Is-Sur Vincent Farrugia
Ms Anna Caruana Colombo
Is-Sur Mario Debattista
Is-Sur Frank Pullicino

Segretarju
Is-Sur Anthony Azzopardi

It-13 ta' Settembru, 2005

No. 945

MINISTRY OF EDUCATION, YOUTH AND EMPLOYMENT

Employment Relations Board

IT is notified for general information that the Minister of Education, Youth and Employment has appointed the persons listed hereunder on the Employment Relations Board up to the 28th August 2006.

Independent Chairperson
Prof. Edward Zammit

Deputy Chairperson
Dr Noel Vella

Members
Mr John Bencini
Mr Emmanuel Micallef
Mr Michael Parnis
Mr Gaetan Tanti
Mr Wilfred Kenely
Mr Joseph Farrugia
Mr Tonio Farrugia
Mr Vincent Farrugia
Ms Anna Caruana Colombo
Mr Mario Debattista
Mr Frank Pullicino

Secretary
Mr Anthony Azzopardi

13th September, 2005

Nru. 946

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ U IMPIEG

Nomina ta' Membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg innomina lill-persuni hawn taħt imsemmija bħala membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb sal-31 ta' Diċembru 2006.

Chairman
Dott. Ġorġ Mallia

Membri
Is-Sur Philip Borg
Ms Priscilla Camilleri
Is-Sur Charles Casha
Is-Sur Sergio Grech
Is-Sur Paul Mizzi
Ms Natasha Turner
Is-Sur Vincent Vella

It-13 ta' Settembru, 2005

No. 946

MINISTRY OF EDUCATION, YOUTH AND EMPLOYMENT

Appointment of Members of the National Book Council

IT is notified for general information that the Minister of Education, Youth and Employment has appointed the persons listed hereunder on the National Book Council up to 31st December 2006.

Chairman
Dr Ġorġ Mallia

Members
Mr Philip Borg
Ms Priscilla Camilleri
Mr Charles Casha
Mr Sergio Grech
Mr Paul Mizzi
Ms Natasha Turner
Mr Vincent Vella

13th September, 2005

Nru. 947

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ U IMPIEG

Nomina ta' Membri tal-*Monitoring Board TEFL Schools*

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg innomina lill-persuni hawn taħt imsemmija bħala membri tal-*Monitoring Board TEFL Schools* sal-31 ta' Marzu 2006.

Chairman
Is-Sur Joseph Muscat

Membri
Is-Sur Alfred Cachia
Dott. Raymond Fabri
Is-Sur Marcel Scicluna
Is-Sur Francis Stivala
Ms Nadya Aquilina

It-13 ta' Settembru, 2005

No. 947

MINISTRY OF EDUCATION, YOUTH AND EMPLOYMENT

Appointment of Members of the Monitoring Board TEFL Schools

IT is notified for general information that the Minister of Education, Youth and Employment has appointed the persons listed hereunder on the Monitoring Board TEFL Schools up to 31st March 2006.

Chairman
Mr Joseph Muscat

Members
Mr Alfred Cachia
Dr Raymond Fabri
Mr Marcel Scicluna
Mr Francis Stivala
Ms Nadya Aquilina

13th September, 2005

Nru. 948

ATT TA' L-2001 DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (ATT NRU. XX TA' L-2001)

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikoli 9 u 10 ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent flimkien mal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, qiegħed b'dan l-avviż jippubblika dan l-abbozz ta' regolamenti fejn jippermetti lil kull persuna perjodu ta' erba' ġimgħat biex tressaq l-ilmenti tagħha lid-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, fejn tiddikjara kif, fil-fehma tagħha, ir-regolamenti proposti ma jkunux jipproteġu u biżżejjed l-ambjent jew kif dawn ikunu restrittivi ż-żejjed bla bżonn jew jikkaġunawlha diffikultà jew telf ekonomiku u titlob għal reviżjoni ta' dak l-abbozz:-

Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubblici.

It-13 ta' Settembru, 2005

No. 948

ENVIRONMENT PROTECTION ACT, 2001

(ACT NO. XX OF 2001)

BY virtue of the powers conferred by articles 9 and 10 of the Environment Protection Act, 2001, the Minister for Rural Affairs and the Environment in concurrence with the Deputy Prime Minister and the Minister for Justice and Home Affairs, after consultation with the Malta Environment and Planning Authority, is hereby publishing the following draft regulations to allow any person a period of four weeks to make representations to the Director for Environment Protection of the Malta Environment and Planning Authority, stating how, in his opinion, the proposed regulations do not sufficiently respect the environment or how they are too unnecessarily restrictive or cause him hardship or economic loss and asking for a revision of such draft:-

Abandonment, Dumping and Disposal of Waste in Streets and Public Places or Areas Regulations, 2005.

13th September, 2005

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT

(KAP. 435)

Regolamenti ta' l-2005 dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 6, 7, 9 u 10 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent flimkien mal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti ta' l-2005 dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi.

Tifsir

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:-

"l-Att " tfisser l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent;

"l- Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar;

"bejjiegħ tat-triq", fiss jew mobbli, tinkludi kull persuna jew sostitut tagħha,

Kap.363

liċenzjata biex tbiegħ minn mejda f'ħanut għall-wirja tal-bejgħa, u kull persuna jew sostitut tagħha liċenzjata li taħdem minn suq pubbliku jew monti stabbilit jew awtorizzat mill-Gvern;

"Gvern" tfisser kemm il-gvern ta' Malta kemm il-Kunsilli Lokali stabbiliti taħt l-Att dwar il-Kunsilli Lokali;

"ħaġa li ddejjaq" tfisser kull att, omissjoni jew ħaġa li tweġġa' b'mod viżiv jew tikkawża rwejjaħ jew ħsejjes, jew li tkun il-ħtija jew aktarx tkun il-ħtija ta' inġurja, ħaġa li xxabba', offiża, ħsara, periklu, jew dannu hi x'inhi n-natura tagħha, jew li tkun jew x'aktarx li tkun ta' ħsara jew periklu għas-saħħa jew għall-proprjetà;

"ħin raġonevolment viċin" msemmija fir-regolament 5 għandha tkun il-ħin stabbilit mill-Kunsill Lokali ta' lokalità u titqies li tkun il-perijodu bejn it-tneħħija ta' l-iskart u l-ġbir tiegħu liema perijodu ma jistax jaqbeż is-siegħa, sakemm ma jkunx meqjus u stabbilit xort'oħra perijodu itwal mill-Kunsill Lokali minħabba f'ċirkostanzi eċċezzjonali;

"ikel" tinkludi xorb, *chewing gum* u prodotti oħra ta' natura u użu simili, u artikli u sostanzi użati bħala ingredjenti fit-tħejjija ta' ikel jew xorb jew ta' dawk il-prodotti;

"Kumitat li jagħti l-pariri għall-kontroll u l-monitoraġġ taż-żibel" jew "Kumitat li jagħti l-pariri" tfisser kumitat maħtur mill-Ministru skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għall-fini tal-kontroll u monitoraġġ tat-tneħħija ta' l-iskart u ż-żibel fit-triqat u postijiet pubbliċi;

Kap.291

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju għall-Ġustizzja skond l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja;

"Kunsill Lokali" għandha l-istess tifsira mogħtija fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali;

"laned taż-żibel" tfisser reċipjenti approvati mill-Gvern għat-tneħħija, s-separazzjoni u l-ġbir ta' żibel u skart imqiegħda f'post pubbliku jew awtorizzati li jitqiegħdu f'post pubbliku mill-Gvern;

"lokalità" għandha l-istess tifsira mogħtija fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali, u tinkludi, għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, toroq arterji u distributorji u ż-żoni kollha l-oħra esklużi mill-kompetenza tal-kunsilli lokali skond l-istess Att;

"mejda f'ħanut għall-wirja tal-bejgħa" tfisser kull kjosk, mejda, ħanut tax-xogħol, posta f'suq, tinda kbira tal-kamp fejn jistgħu jsiru wirjiet, bord ta' wiri, vettura, karettun jew riċettaklu jew kull mezz ieħor użat jew maħsub li jintuża għall-fini tal-bejgħ ta' ikel jew ħwejjeġ ta' kull tip u tinkludi kull struttura mwaħħla magħha kemm jekk bejt, appoġġ jew paviment;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent;

"post pubbliku" tinkludi kull post, b'sidien privati jew xort'oħra, li għalih il-

pubbliku għandu aċċess, u tinkludi triq, baħar, *playing field* u *ground*, għalqa, wied, bajja, funtana, mogħdija ta' l-ilma, ġibjun, bir u *swimming pool*;

"proprjetà privata" tinkludi ġnien, bitħa, għalqa, art, vettura kemm jekk liċenzjata kemm jekk le, mejda f'ħanut għall-wirja tal-bejgħa, jew struttura oħra, temporanja jew permanenti;

"Qorti" tfisser Tribunal Lokali stabbilit skond l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja;

"triq" tinkludi kull ħâra, sqaq, pjazza, pont, triq ma' xatt il-baħar, moll, jew post ieħor ta' passaġġ jew aċċess pubbliku;

"uffiċjal" tfisser kull persuna awtorizzata mill-Ministru biex toħroġ il-ħlasijiet li għandhom x'jaqsmu ma' dawn ir-regolamenti skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali u għandha tinkludi:-

uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva, Gwardjan Lokali jew kull awtorità oħra awtorizzata li toħroġ ħlasijiet skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja; u

spetturi ambjentali, jew kull persuna oħra maħtura mill-Ministru biex twettaq id-dmirijiet li jinsabu f'dawn ir-regolamenti kif stabbiliti skond l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent;

"viċinanza immedjata" għandha tkun dik iż-żona identifikabbli minnufih ma' kull sit imsemmi fir-subregolament (2) tar-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti, u meta, permezz ta' tneħħija, żibel jew skart titbaxxa l-importanza soċjali, storika jew ambjentali tas-sit jew żona msemmija f'dak is-subregolament;

"żibel" tinkludi:-

kull skart solidu jew likwidu, domestiku jew kummerċjali, ħwejjeġ mormija, irdim jew laqx u mingħajr ma tillimita l-ġeneralità tal-fuq imsemmija tinkludi kull ħġieġ, metall, plastiku, karta, drapp, injam, ikel, *chewing gum*, ċikka ta' sigarett, vettura mitluqa, reċipjent, tagħmir, jew makkinarju, sħiħ jew f'biċċiet, fdalijiet u qtugħ tal-ġnien, ħamrija, ramel, blat tal-konkos jew kull materjal tal-bini ieħor; u

kull oġġett, materjal jew sustanza oħra ddepożitata f'post pubbliku li tikkawża jew iżżid id-dehra mħawda ta' dak il-post jew li tikkawża effett b'mod li ġġib dannu għall-użu xieraq tal-post, jew li tista', b'mod ġenerali, iżżid ir-riskju ta' periklu għas-saħħa jew għall-ambjent għall-pubbliku jew għall-ambjent ta' madwar, jew li tista' tkun ħaġa li ddejjaq lill-pubbliku.

Setgħa tal-Ministru li jaħtar Kumitat li jagħti l-pariri għall-kontroll u l-monitoraġġ taż-żibel

3. (1) Il-Ministru jista' jaħtar Kumitat li jagħti l-pariri għall-kontroll u l-monitoraġġ taż-żibel u li għandu jinkludi persuna nominata mill-Ministru, persuna nominata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, persuna nominata

mill-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, persuna nominata mill-Awtorità, persuna nominata mill-Ministru responsabbli għall-Infrastruttura pubblika, persuna nominata mill-Kummissarju tal-Pulizija, u kull persuna oħra li l-Ministru jista' jaħtar minn żmien għal żmien taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet kif huwa jista' jistabbilixxi.

(2) Għandu jkun id-dmir tal-Kumitat li jagħti l-pariri li jagħti pariri lill-Ministru dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' ndafa pubblika, b'mod ġenerali, u dwar kull ħaġa oħra li tista' taqa' taħt l-iskop ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Il-Kumitat li jagħti l-pariri għandu jikkoordina ma' l-awtoritajiet kompetenti kollha u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi oħra li jaħdmu fl-indafa pubblika u jista' jirrakkomanda lil dawk l-awtoritajiet prattiċi tajbin fil-kamp ta' l-indafa pubblika u biex jikkontrollaw it-tneħħija ta' skart u żibel fit-triqat u postijiet pubbliċi.

Tħollija ta' żibel u oġġetti oħra

4. Ħadd ma jista' jarmi, jitfa', iħalli, jew xort'oħra jqattar jew jiddepożita xi żibel f'xi post pubbliku, triq, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, sakemm dak id-depożitu u t-tħollija ma jkunux awtorizzati b'liġi:

Iżda għall-fini ta' dan ir-regolament, l-Iskeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti jelenka, iżda mhux b'mod tassattiv, l-atti u n-nuqqasijiet li għandhom jitqiesu li jkunu offiża ta' tħollija ta' żibel jew depożitu jew tixrid ta' oġġetti skond dan ir-regolament.

Depożitu illegali ta' żibel għall-ġbir.

5. (1) Ħadd ma jista' jiddepożita jew iħalli f'xi triq jew post pubbliku xi reċipjent taż-żibel, borża, kaxxa użata, flixkun, landa, kaxxa tal-kartun jew reċipjent ieħor, jew xi karta, tiben jew materjal ieħor użat għall-ippakkjar, sabiex jiġu miġbura jekk dak id-depożitu ma jsirx f'ħin raġonevolment viċin għall-ħin li fih ordinarjament isir il-ġbir taż-żibel f'dak il-post.

(2) Ħadd ma jista' jiddepożita jew iħalli f'xi triq jew post pubbliku xi reċipjent taż-żibel, borża, kaxxa użata, flixkun, landa, kaxxa tal-kartun jew reċipjent ieħor, jew xi karta, tiben jew materjal ieħor użat għall-ippakkjar, sabiex jiġu miġbura, qrib laned taż-żibel, *skips*, jew reċipjenti oħra li qegħdin f'post pubbliku, għall-użu pubbliku jew privat, u provduti minn jew approvati mill-Gvern.

Għażla ta' ħwejjeġ mormija, żibel jew skart.

6. (1) Ħadd ma jista' jagħżel jew jiġbor xi żibel depożitat għall-ġbir f'xi post jew waqt li jkun qed jiġi trasportat wara l-ġbir, sakemm dik l-għażla ma tkunx awtorizzata skond il-liġi.

(2) Ħadd ma jista' jiġbor xi ħwejjeġ mormija, skart jew żibel imneħħi sakemm ma jkunx awtorizzat xort'oħra biex jagħmel hekk minn Kunsill Lokali fiż-żona tar-responsabbiltà tiegħu u mill-Awtorità:

Iżda l-għażla ta' ħwejjeġ mormija jew il-ġbir ta' żibel jew skart minn uffiċjal li għandu d-dmir li jiġbor xhieda skond l-artikolu 5 ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, u biss għall-fini ta' l-investigazzjoni biex jakkuża persuni li wettqu reat skond dawn ir-regolamenti, m'għandux jitqies

bħala reat skond id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

Tneħħija illegali ta' laned taż-żibel.

7. Ħadd ma jista' jneħħi illegalment jew xort'oħra jmiss jew ibagħbas ma' jew b'xi mod ieħor jivvandalizza xi landa taż-żibel provduta jew awtorizzata mill-Gvern f'xi triq jew post pubbliku ieħor jew xi landa taż-żibel depożitata għall-ġbir f'xi post.

Imwejjed fi ħwienet għall-wirja tal-bejgħa f'post pubbliku għandhom jinżammu ndaf.

8. (1) Kull bejjiegħ tat-triq li jaħdem minn mejda f'ħanut għall-wirja tal-bejgħa f'post pubbliku, għandu jżomm il-post u l-viċinanza immedjata tiegħu f'kondizzjoni nadifa u sanitarja, matul u wara l-ħinijiet ta' xogħol u, għal dan il-fini, għandu jkollu landa taż-żibel approvata mill-Gvern matul il-ħinijiet ta' xogħol.

(2) Bla ħsara għal dawn ir-regolamenti, meta fl-opinjoni tal-Gvern, bejjiegħ tat-triq jew is-sostitut tiegħu naqas milli jħares is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, il-Gvern jista', b'avviż bil-miktub, jeħtieġ li min għandu l-liċenzja, f'dak il-perijodu kif jista' jkun imsemmi hemmhekk, jieħu dawk il-passi li jqies li huma xierqa għall-fini ta' l-osservanza ta' dawn is-subregolamenti.

Is-sid jew l-okkupant ta' bini kummerċjali għandu jipprovdi laned taż-żibel f'post pubbliku

9. Il-Gvern jista' jeħtieġ, bil-miktub, li s-sid jew l-okkupant ta' bini kummerċjali jipprovdi, bi spejjeż tas-sid jew ta' l-okkupant u f'dak il-perijodu kif jista' jissemma fl-avviż, għal-laned taż-żibel jew reċipjenti konvenjenti oħra, li għandhom iħarsu dawk l-ispeċifikazzjonijiet kif il-Gvern jista' jeħtieġ, li jitqiegħdu f'postijiet xierqa fil-bini tas-sid jew l-okkupant, jew fit-triq jew f'post pubbliku fil-viċinanza tal-bini, għad-depożitu ta' ħwejjeġ mormija u żibel:

Iżda l-Ministru għandu, minn żmien għal żmien, u wara konsultazzjoni mar-rappreżentanti tas-settur kummerċjali, joħroġ elenku ta' kategoriji magħżula ta' stabbilimenti kummerċjali li jistgħu jinħtieġu biex jitqiegħdu dawk il-laned taż-żibel jew reċipjenti fi triq jew f'post pubbliku.

Pieni

10. (1) Kull persuna li tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet li jinsabu fir-regolamenti 4, 5, 6, 7 u 8 għandha, meta tinsab ħatja, tkun ħatja ta' reat u teħel ammenda ta' mhux anqas minn ħamsa u għoxrin lira u mhux aktar minn ħamsin lira.

(2) Kull persuna li tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet li jinsabu fir-regolament 9 għandha, meta tinsab ħatja, tkun ħatja ta' reat u teħel ammenda ta' mhux anqas minn ħames mitt lira u mhux aktar minn elf lira.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' l-Att prinċipali, u regolamenti oħra li l-Ministru jista' joħroġ minn żmien għal żmien, u bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' xi liġi oħra, jekk f'reat li għalih japplika s-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, min jagħmel ir-reat jarmi jew ineħħi xi ħwejjeġ mormija, żibel, skart, *swill* jew kull oġġett ieħor ta' daqs jew kwantità jew kumulu, li meta tqiesu waħdu jikkawża ħaġa li ddejjaq, jew li jista' jwassal għad-deterjorament jew tħassir ta' post pubbliku, dan jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux anqas minn elf lira iżda mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt lira:

Iżda għall-fini ta' dan is-subregolament, l-Iskeda 2 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti jelenka, iżda b'mod mhux tassattiv, l-oġġetti u l-materjali li għandhom jitqiesu bħala ħwejjeġ mormija, żibel, skart, *swill* jew xi oġġetti oħra li ntremew jew ġew depożitati.

Qbid ta' vettura, karettun jew tagħmir ieħor f'każijiet li għandhom x'jaqsmu ma' rimi.

(4) Jekk xi vettura, karettun jew tagħmir ieħor użat fl-għemil ta' reat kontra d-disposizzjonijiet tas-subregolament (3) tar-regolament 10, il-qorti għandha, fuq talba tal-prosekuzzjoni u b'żieda għall-piena preskritta fis-subregolament (3) ta' dan ir-regolament, tordna l-qbid ta' dik il-vettura, karettun jew tagħmir ieħor użat għall-fini ta' dan ir-regolament, għal żmien ta' mhux anqas minn xahrejn iżda ta' mhux iżjed minn sena u s-sospensjoni għal żmien daqs dak ta' kull liċenza tas-sewqan li tkun f'isem min jagħmel ir-reat, matul liema żmien ir-riskju tal-vettura jibqa' għas-sid:

Iżda meta xi persuna li ma tkunx ħadet sehem fir-reat, ikollha jedd għal dik il-vettura jew tagħmir, il-qbid ikun ordnat biss jekk il-qorti tkun sodisfatta li ebda jedd bħal dak ma jkun qed jiġi preġudikat f'dak l-ordni.

(5) Jekk min jagħmel ir-reat ma jkunx is-sid tal-vettura msemmija fis-subregolament (4) ta' dan ir-regolament iżda jkun aġixxa taħt l-istruzzjonijiet ta' dak is-sid jew meta s-sid għad li kien jista' jimpedih, ħalla li r-reat isir, is-sid jeħel meta jinsab ħati, il-piena stabbilita fis-subregolamenti (1), (2), (3) u (4) ta' dan ir-regolament.

(6) Jekk ikun jidher miċ-ċirkostanzi li fihom jinstab xi materjal mormi kontra l-liġi, min kien is-sid jew il-persuna l-oħra responsabbli għal dak il-materjal minnufih qabel ir-rimi tiegħu, dak is-sid jew dik il-persuna għandha titqies li tkun iddepożitat dak il-materjal u tista' teħel il-piena stabbilita fis-subregolamenti (1), (2), (3) u (4) ta' dan ir-regolament, kemm-il darba ma tippruvax li dak ir-reat ma kenitx taf bih, jew għalkemm kienet taf bih ma setgħatx timpedih milli jsir.

Danni mogħtija lis-sid ta' landa taż-żibel li saritilha ħsara mill-ħati.

11. (1) Meta persuna tkun ġiet misjuba ħatja ta' reat skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 7, il-qorti tista', bl-istess sentenza, u wara prova tal-ħsara batuta skond ir-regolament 7, tordna lill-ħati li jħallas lill-Gvern jew is-sid tal-landa taż-żibel in kwistjoni, skond il-każ, bħala danni, somma ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira għal kull landa taż-żibel u kull ordni tali għandha tkun ta' l-istess forza u effett u għandha tiġi esegwita bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili magħmula kif imiss bejn is-sid u l-ħati.

(2) Meta persuna tkun ġiet misjuba ħatja ta' reat skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 9, il-qorti tista', bl-istess sentenza, u wara prova tan-nuqqas ta' osservanza minn sid jew okkupant ta' bini kummerċjali skond ir-regolament 9, tordna lill-ħati li jħallas lill-Gvern bħala danni, somma ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira għal kull landa taż-żibel u kull ordni tali għandha tkun ta' l-istess forza u effett u għandha tiġi esegwita bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili magħmula kif imiss bejn is-sid u l-ħati.

Ċirkostanzi aggravanti

12. (1) Meta reat imsemmi fir-regolamenti 4, 5, 6, 7, 8 u 10(3) jitwettaq f'sit wieħed jew aktar elenkati fis-subregolament li jmiss, min jagħmel ir-reat għandu, meta jinsab ħati, jeħel piena addizzjonali ta' mhux anqas minn ħamsa u għoxrin lira u mhux aktar minn ħamsin lira ma' l-ammenda stabbilita minħabba l-importanza storika u ambjentali tas-sit.

(2) Iċ-ċirkostanzi aggravanti msemmija fis-subregolament ta' qabel għandhom x'jaqsmu mat-tneħħija, it-tixrid jew ir-rimi ta' żibel, ħwejjeġ mormija, skart jew *swill*:-

(a) fil-viċinanza immedjata ta' monument pubbliku, mużew, post ta' qima jew skola;

(b) fil-viċinanza immedjata ta', jew ġewwa Sit ta' Patrimonju Dinji ddikjarat mill-UNESCO jew Ċentru Storiku ddikjarat mill-Awtorità;

(ċ) fil-viċinanza immedjata ta', jew ġewwa, Riserva Naturali, Park ta' Patrimonju, Park Nazzjonali, ġnien pubbliku, jew *playing field*;

(d) fil-viċinanza immedjata ta', jew fuq xatt pubbliku;

(e) f'kull sit, żona, post jew spazju pubbliku ieħor li l-Ministru jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien.

It-tieni reat u reati sussegwenti.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi ta' qabel ta' dan ir-regolament, persuna li tinsab ħatja skond ir-regolamenti 4, 5, 6, 7 u 8 ta' dawn ir-regolamenti, għandha, meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mitt lira, jekk jiġi ppruvat li dik il-persuna li għamlet ir-reat instabet ħatja li wettqet xi reat skond dawn ir-regolamenti fit-tnax-il xahar ta' qabel il-ħruġ tal-kontravenzjoni.

(4) Barra minn dan, u bla ħsara għall-paragrafi ta' qabel ta' dan ir-regolament, persuna li tinsab ħatja skond is-subregolament (3) tar-regolament 10 għandha, meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux anqas minn elfejn lira, iżda mhux aktar minn ħamest elef lira, jekk jiġi ppruvat li dik il-persuna li għamlet ir-reat instabet ħatja li wettqet reat skond is-subregolament (3) tar-regolament 10 fis-sentejn ta' qabel il-ħruġ tal-kontravenzjoni.

Min ma jħallix jew ifixkel uffiċjal awtorizzat.

(5) Mingħajr preġudizzju għall-Att prinċipali, jew għal kull liġi oħra, kull persuna li b'xi mezz ieħor li jkun, ma jħallix jew ifixkel xi uffiċjal mill-qadi tas-setgħat u l-funzjonijiet tiegħu skond dawn ir-regolamenti għandu jeħel, jekk jinstab ħati, multa ta' ħamsin lira.

Ħruġ ta' akkużi lil min jagħmel ir-reat u l-proċedimenti skond l-artikolu 5 tal-Kap. 291.

13. Skond id-disposizzjonijiet ta' xi liġi oħra, u skond is-setgħat mogħtija mill-Ministru skond l-Att prinċipali, kull uffiċjal awtorizzat li jaġixxi skond dawn id-disposizzjonijiet u li fl-opinjoni tiegħu jkun twettaq reat skond dawn ir-regolamenti, jista' jipproċedi kontra min għamel ir-reat skond l-artikolu 5 ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja liema disposizzjonijiet għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull proċediment fir-rigward ta' reati li bihom ikun ġie akkużat skond dawn ir-regolamenti.

It-tneħħija ta' żibel ordnata mill-Qorti.

14. (1) Meta r-reat ikollu x'jaqsam ma' rimi, il-Qorti għandha wkoll b'żieda ma' kull piena li tista' tiġi imposta skond l-Att, tordna wkoll lil min jagħmel ir-reat li jneħħi mill-post fejn ikun sar ir-reat il-materjal kollu li dwaru jkun instab ħati fi żmien biżżejjed għal hekk, li jiġi stabbilit mill-Qorti, u li fin-nuqqas tat-tħaris ta' dik l-ordni dak il-materjal jitneħħa mill-Kunsill Lokali tal-lokalità fejn ikun twettaq ir-reat għas-spejjeż ta' min jagħmel ir-reat, f'liema każ dak il-ħati jista' jiġi mġiegħel iħallas lura l-ispejjeż bħala dejn ċivili.

(2) Barra minn dan, u b'żieda għal xi piena, kieku l-Kunsill Lokali ta' lokalità jew xi awtorità oħra kellha tneħħi l-materjal mormi qabel il-proċedimenti fil-qorti, l-imsemmija Qorti għandha, fuq il-provi tal-ħsara batuta, tordna lil min għamel ir-reat li jħallas, bħala l-ħsara, lill-Kunsill Lokali jew awtorità oħra kull somma li ntefqet fit-tneħħija tal-materjal, u kull ordni bħal dik għandha jkollha l-istess forza u effett u għandha tiġi esegwita bl-istess manjiera daqs li kieku ngħatat f'azzjoni ċivili li tkun saret kif imiss bejn il-Kunsill Lokali jew xi awtorità oħra u min għamel ir-reat.

Il-kontribuzzjoni tal-Kunsilli Lokali lill-Fond dwar l-Ambjent u t-tqassim tal- pieni.

15. (1) Skond l-artikolu 19(4)(d) ta' l-Att u s-subartikoli (3) u (5) ta' l-artikolu 10 ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, il-Kunsilli Lokali għandhom iqiegħdu fil-fond dwar l-Ambjent tletin fil-mija tal-pieni kollha li rċevew mill-kontravenzjonijiet taħt ir-regolamenti 4, 5, 6, 7, 8 u 9 ta' dawn ir-regolamenti u ħamsin fil-mija tal-pieni kollha li rċevew mill-kontravenzjonijiet taħt is-subregolament (3) tar-regolament 10 u s-subregolamenti (3) u (4) tar-regolament 12 u għandhom hekk jitqiegħdu fi żmien xahar minn meta rċevew il-ħlas tal-pieni u l-penali li ġejjin minn dawk il-kontravenzjonijiet.

(2) Il-pieni mogħtija skond dawn ir-regolamenti għall-proċedimenti li nbdew mill-Awtorità, għandhom ikunu dovuti lill-Awtorità bi tqassim ta' għoxrin fil-mija għal kull piena mħallsa lill-Kunsill Lokali tal-lokalità ta' fejn ikun twettaq ir-reat.

Skeda 1

Regolament 4

Skond ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti, l-atti jew n-nuqqasijiet elenkati hawn taħt għandhom jitqiesu li jkunu reat skond l-imsemmi regolament:

a) iddepożita, waqqa', qiegħed jew xeħet xi trab, ħmieġ, karta, rmied, ċikka ta' sigarett, żibel, kaxxa, bittija, jew kull artiklu jew ħaġa oħra f'xi post pubbliku;

b) żamm jew ħalla xi artiklu jew ħaġa f'xi post fejn hi jew frak tagħha għaddew jew aktarx li jgħaddu f'xi post pubbliku;

ċ) xeħet jew ħalla warajh xi flixkun, landa, kontenitur ta' l-ikel, karta għall-ippakkjar ta' l-ikel, ħġieġ, frak ta' l-ikel jew kull artiklu jew ħaġa oħra f'xi post pubbliku;

d) ħabbat, naddaf, farfar, għarbel, jew xort'oħra ċaqlaq xi rimed, xagħar, rix, ġir, ramel, karta skartata jew sustanza oħra b'tali manjiera li tinġarr jew aktarx li tinġarr mir-riħ f'xi post pubbliku;

e) beżaq xi sustanza jew neħħa maħta mill-imnieħer, jew ħalla jew iddepożita ekskreta materjali tal-bniedem, inkluż vomtu, jew ħalla jew iddepożita xi ekskreta materjali ta' l-annimali fuq jew għal fuq xi triq jew xi post pubbliku;

f) qiegħed, xerred, qattar jew xeħet xi demm, ilma mielaħ, likwidu li jagħmel il-ħsara, *swill* jew kull materja ta' kull tip li twaġġa' jew li tħammeġ, inkluż żejt, karburant u kull fluwidu ieħor, b'tali manjiera biex tiġri jew taqa' f'xi post pubbliku.

Skeda 2

Regolament 10(3)

Skond is-subregolament (3) tar-regolament 10, l-oġġetti u l-materjali elenkati hawn taħt għandhom jitqiesu li jkunu ħwejjeġ mormija, żibel, skart, *swill* jew xi oġġetti oħra li ntremew jew ġew depożitati:-

a) Biċċiet kbar ta' l-elettriku għad-djar u apparat elettriku, inkluż friġġ, friżer, *cooker*, forn, *dishwasher*, *geyser*, *hob*, *air-conditioner*, televiżjoni, kompjuter, sħaħ jew f'biċċiet;

b) Materjal tal-bini, hi x'inhi l-kwantità tiegħu, inkluż xkora, borża, kaxxa jew reċipjent bil-madum, katusi mhux użati, ċangaturi u kull materjal ieħor;

ċ) Sett ta' kamra tal-banju sħiħ jew f'biċċiet;

d) Sett ta' kamra tas-sodda jew għamara domestika oħra sħiħ jew f'biċċiet;

e) Tagħmir kummerċjali, merkanzija qadima ta' għamara u makkinarju ta' l-uffiċċju, sħiħ jew f'biċċiet;

f) Drappijiet, ċraret u materjal ieħor li għandu x'jaqsam ma' l-ilbies;

g) L-iskart u s-*swill* kollu ta' l-istabbilimenti li jipprovdu l-ikel hi x'inhi l-kwantità, li tneħħiet minn stabbilimenti li jipprovdu l-ikel detenturi ta' liċenza;

h) Vettura jew reċipjent mhux liċenzjat u mhux użat sħiħ jew f'biċċiet;

i) Skart mhux domestiku;

j) Annimal mejjet;

k) Żibel mhux miġbur li jibqa' wara li jgħaddu erbgħa u għoxrin siegħa mit-tmiem ta' ġrajja organizzata minn persuna, korp ta' persuni, f'post pubbliku, inkluż ġmigħ, protesta, kunċert, festa pubblika, laqgħa pubblika jew attività simili, sakemm l-organizzatur ma jurix li kienu saru arranġamenti biżżejjed għat-tindif wara l-ġrajja;

l) Skart ta' l-agrikoltura u tal-ġnien, inkluż il-fdalijiet taż-żabra.

ENVIRONMENT PROTECTION ACT

(CAP. 435)

Abandonment, Dumping and Disposal of Waste in Streets and Public Places or Areas Regulations, 2005

IN the exercise of the powers conferred by articles 6, 7, 9 and 10 of the Environment Protection Act, the Minister for Rural Affairs and the Environment, in concurrence with the Deputy Prime Minister and the Minister for Justice and Home Affairs, has made the following regulations:-

Title

1 The title of these regulations is Abandonment, Dumping and Disposal of Waste in Streets and Public Places or Areas Regulations, 2005.

Interpretation

2 In these regulations, unless the context otherwise requires:-

"the Act" means the Environment Protection Act;

"Advisory Committee" means the Advisory Committee for the control and monitoring of littering appointed by the Minister in accordance with the provisions of these regulations for the purpose of controlling and monitoring the disposal of waste and littering in streets and public places:

the "Authority" means the Malta Environment and Planning Authority;

"bins" means receptacles approved by the Government for the disposal, separation and collection of waste and refuse, placed or authorised to be placed in a public place by the Government;

"Commissioner" means a Commissioner for Justice in terms of the Commissioners for Justice Act; Cap.291

"Court" includes a Local Tribunal established under the Commissioners for Justice Act;

"food" includes drink, chewing gum and other products of a like nature and use, and articles and substances used as ingredients in the preparation of food or drink or of such products; Cap.363

"Government" means both the government of Malta and Local Councils established under the Local Councils Act;

"hawker", fixed or mobile, includes any person or a substitute, licensed to sell from a stall, and any licensed person or substitute operating from a public market or *monti* established or authorised by the Government;

"immediate vicinity" shall be that area immediately identifiable with any site referred to in subregulation (2) of regulation 12 of these regulations, and where, by way of irregular disposal, litter or waste demeans the social, historical or environmental importance of the site or area referred to in that subregulation;

"litter" includes:-

any solid or liquid, domestic or commercial waste, refuse, debris or rubbish and without limiting the generality of the above includes any glass, metal, plastic, paper, fabric, wood, food, chewing gum, cigarette butts, derelict vehicles, vessel, equipment, or machinery, in whole or in parts, garden remnants and clippings, soil, sand, concrete rocks or any other building material; and

any other object, material or substance deposited in a public place causing or adding a disorderly appearance of such place or detrimentally causing an effect on the proper use of the place, or which may, in general, increase the risk of health or environmental hazard to the public or the surrounding environment, or which may be a nuisance to the public;

"Local Council" has the same meaning given in the Local Councils Act;

"locality" has the same meaning given in the Local Councils Act, and includes, for the purpose of these regulations, arterial and distributor roads and all other areas excluded from the competence of local councils under the same Act;

"the Minister" means the Minister responsible for the environment;

"nuisance" means any act, omission or thing which is visually offensive or causes smells or noise, or occasioning or likely to occasion injury, annoyance, offence, harm, danger, or damage of whatever nature, or which is or is likely to be injurious or dangerous to health or property;

"officer" means any person authorised by the Minister to issue charges related to these regulations in terms of subarticle (3) of article 6 of the principal Act and shall include:-

a Police officer, a Local Warden or any other authority authorised to issue charges in accordance with the provisions of the Commissioners for Justice Act; and

environmental inspectors, or any other person appointed by the Minister to carry out the duties contained in these regulations as established under the Environment Protection Act;

"private property" includes a garden, yard, field, land, vehicle licensed or not, stall, or other structure, temporary or permanent;

"public place" includes any place, privately owned or otherwise, to which the public has access, and including a street, sea, playing field and playing ground, field, valley, beach, fountain, watercourse, reservoir, well and swimming pool;

"stall" means any kiosk, table, shed, booth, marquee, show-board, vehicle, cart or receptacle or any other means used or intended to be used for the purpose of selling food or goods of any kind and includes any structure affixed thereto by way of roof, support or flooring;

"street" includes any road, alley, square, bridge, shore front, quay, or other place of public passage or access;

"time reasonably approximate" referred to in regulation 5 shall be the time determined by the Local Council of a locality and considered to be the period between the disposal of waste and the collection thereof which time

period cannot exceed the lapse of one hour, unless a longer period is otherwise considered and established by the Local Council due to exceptional circumstances.

Power of Minister to appoint an Advisory Committee for the control and monitoring of littering

3. (1) The Minister may appoint an Advisory Committee for the control and monitoring of littering and which shall include a person nominated by the Minister, a person nominated by the Local Councils Association, a person nominated by the Malta Tourism Authority, a person nominated by the Authority, a person nominated by the Minister responsible for public infrastructure, a person nominated by the Commissioner of Police, and any other person which the Minister may appoint from time to time under such terms and conditions as he may determine.

(2) It shall be the duty of the Advisory Committee to advise the Minister on any matter relating to public cleansing, in general, and on any other matter which may come within the scope of these regulations.

(3) The Advisory Committee shall coordinate with all competent authorities and other non-governmental organisations engaged in public cleansing and may recommend to such authorities good practices in the field of public cleansing and for controlling the disposal of waste and litter in streets and public places.

Leaving of Litter and other objects

4. No person shall throw down, drop, leave, or otherwise spill or deposit any litter in any public place, street, sea, or open space to which the public has access, unless such depositing and leaving is lawfully authorized:

Provided that for the purpose of this regulation, Schedule 1 of these regulations lists, but not exclusively, acts and omissions which shall be deemed to be an offence of leaving litter or depositing or spilling of objects under this regulation.

Unlawful deposit of refuse for collection.

5. (1) It shall not be lawful for any person to deposit or leave in any street or public place any litter receptacle, bag, used box, bottle, tin, carton or other container, or any paper, straw or other material used for packing, for the purpose of its collection unless such depositing is made at a time reasonably approximate to the time at which refuse collection ordinarily occurs in such place.

(2) It shall not be lawful for any person to deposit or leave in any street or public place any litter receptacle, bag, used box, bottle, tin, carton or other container, or any paper, straw or other material used for packing, for the purpose of its collection, near bins, skips or other receptacles situated in a public place, for public or private use, and provided for or approved by Government.

Sorting of refuse, litter or waste.

6. (1) It shall not be lawful for any person to sort or collect any refuse deposited for collection at any place or while being transported after collection, unless such sorting is lawfully authorized.

(2) It shall not be lawful for any person to collect any disposed refuse, waste or litter unless otherwise authorized to do so by a Local Council in the area of its responsibility and by the Authority:

Provided that sorting of refuse or collection of disposed litter or waste by an officer who has the duty to collect evidence in terms of article 5 of the Commissioners for Justice Act, and solely for the purpose of investigation to charge offenders under these regulations, shall not be deemed to be an offence in terms of the provisions of this regulation.

Illegal removal of bins.

7. No person shall unlawfully remove or otherwise interfere or tamper with or in any other way vandalize any bin provided or authorized by the Government in any street or other public place or any bin deposited for collection at any place.

Stalls in a public placeto be kept clean.

8. (1) Every hawker operating from a stall in a public place, shall keep the place and the immediate vicinity thereof in a clean and sanitary condition, during and after operating times and, for such purpose, shall have a bin approved by Government during the operating times.

(2) Without prejudice to these regulations, where in the opinion of the Government, a hawker or the substitute has failed to comply with subregulation (1) of this regulation, the Government may, by notice in writing, require such licensee, within such period as may be specified therein, to take such steps as it may deem fit for the purpose of complying with these regulations.

Owner or occupier of commercial premises to provide bins in public place

9. Government may require, in writing, the owner or occupier of a commercial premises to provide, at the expense of the owner or occupier and within such period as may be specified in the notice, for bins or other convenient receptacles, which shall conform to such specifications as Government may require, to be placed in appropriate locations within the premises of the owner or occupier, or on the street or in a public place in the vicinity of the premises, for the deposit of refuse and litter:

Provided that the Minister shall, from time to time, and after consultation with representatives of the commercial sector, issue a list of selected categories of commercial establishments which may be required to place such bins or receptacles on the street or in a public place.

Penalties

10. (1) Any person who contravenes any of the provisions contained in regulations 4, 5, 6, 7 and 8 shall, on conviction, be guilty of an offence, and shall be liable to a fine (*ammenda*) of not less than twenty-five liri and not exceeding fifty liri.

(2) Any person who contravenes any of the provisions contained in regulation 9 shall, on conviction, be guilty of an offence, and shall be liable to a fine (*ammenda*) of not less than five hundred liri and not exceeding one thousand liri.

Dumping

(3) Without prejudice to other provisions of the principal Act, and other regulations which the Minister may issue from time to time, and without prejudice to the provisions of any other law, if in an offence to which subregulation (1) of this regulation applies, an offender dumps or disposes of any refuse, litter, waste, swill or any other object of a size or quantity or accumulation, as taken by itself, causes a nuisance, or which may lead to deterioration or defacement of a public place, he shall be liable, on conviction, to a fine (*multa*) of not less than one thousand liri but not exceeding two thousand five hundred liri:

Provided that for the purpose of this subregulation, Schedule 2 of these regulations lists, but not exclusively, objects and materials which shall be deemed to be dumped or deposited refuse, litter, waste, swill or any other objects.

Seizure of vehicle, cart or other equipment in cases related to dumping.

(4) If any vehicle, cart or other equipment has been used in the commission of an offence against the provisions of subregulation 3 of regulation 10, the court shall, at the demand of the prosecution and in addition to the punishment prescribed under sub-regulation (3) of this regulation, order the seizure of such vehicle, cart or other equipment used for the purpose of this regulation, for a term of not less than two months but not exceeding one year and the suspension for an equal term of any driving license held by the offender, during which period the vehicle shall be at the risk of the owner:

Provided that where any person who has not participated in the offence, has a claim to such vehicle or equipment, the seizure shall only be ordered if the court is satisfied that no such claim is thereby prejudiced.

(5) If the offender is not the owner of the vehicle mentioned in subregulation (4) of this regulation but has acted under the instructions of such owner or where such owner had the power to prevent the commission of the offence does not do so, the owner shall be liable, on conviction, to the punishment laid down in subregulations (1), (2), (3) and (4) of this regulation.

(6) If the circumstances, in which any unlawfully dumped material is found, indicate the owner or other person responsible for such material immediately prior to its dumping, such owner or person shall be deemed to have deposited that material and shall be liable to the punishment laid down in subregulations (1), (2), (3) and (4) of this regulation, unless he proves that he did not know of the commission of the offence, or although he knew of it did not have the power to prevent it.

Damages awarded to owner of bin damaged by offender.

11. (1) When a person has been found guilty of an offence in accordance with the provisions of regulation 7, the court may, by the same judgment, and on proof of the damage suffered under regulation 7, order the offender to pay to the Government or the owner of the bin in question, as the case may be, by way of damages, a sum not exceeding five hundred liri for each bin and any such order shall be of the same force and effect and be executed in the same manner as if it had been given in a civil action duly instituted between such owner and the offender.

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), (Ġurisdizzjoni Superjuri), (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali), fis-7 ta' Diċembru 2004 fl-atti tas-subbasta numru 20/2004 fl-ismijiet "Victor Cordina et versus Saviour Sciberras" ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 3 ta' Ottubru 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-bejgħ in subbasta tal-vettura Land Rover numru JAR 515, maqbud mill-poter tad-debitur in forza tal-mandat ta' qbid eżekuttiv numru 155/2004, liema bejgħ se jsir fil-bini tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, ir-Rabat, Għawdex.

By virtue of a decree issued by the Court of Magistrates (Gozo), (Superior Jurisdiction), (General Jurisdiction Section), on the 7th December 2004 in the records of judicial sale by auction number 20/2004 in re "Victor Cordina et versus Saviour Sciberras" Monday, 3rd October 2005 from 9.00 a.m. to noon has been set for the judicial sale by auction of the vehicle of the make Land Rover number JAR 515, seized from the possession of respondent by virtue of an executive warrant of seizure in same names bearing number 155/2004, which sale will be held at the Gozo Court's edifice, in Cathedral Square, Victoria, Gozo.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
(Ġurisdizzjoni Superjuri)
(Sessjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali)

Illum 9 ta' Settembru 2005

ANTHONY MIZZI
Għar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali (Għawdex)

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)
(Superior Jurisdiction)
(General Jurisdiction Section)

This 9th September 2005

ANTHONY MIZZI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1861

B'DIGRIET mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fit-2 ta' Settembru 2005 fl-atti tas-subbasta numru 1/2005 fl-ismijiet "Grazio Galea et versus Rev. Dun Tarcisio Attard nomine", ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 31 ta' Ottubru 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, ir-Rabat, Għawdex, għall-BEJGĦ BIS-SUBBASTA, tal-fond bin-numri 123 u 124, Triq Ħamri, Għajnsielem, Għawdex.

BY VIRTUE OF A DECREE given by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Jurisdiction Section, on the 2nd September 2005 in the records of judicial sale by auction number 1/2005 in re "Grazio Galea et versus Rev. Dun Tarcisio Attard nomine", the Court appointed Monday, 31st October 2005 from 9.00 a.m. to noon for the SALE BY LICITATION to be held at the Gozo Court's edifice in Cathedral Square, Victoria, of the premises numbered 123 and 124 in Triq Ħamri, Għajnsielem, Gozo.

Dan l-immobbli jinbiegħ bħalma ġie deskritt u stmat fis-somma ta' Lm24,000 mill-AIC Joseph Mizzi fir-relazzjoni tiegħu ppreżentata fiċ-ċitazzjoni preċedenti u relattiva għal din is-subbasta li ġġib in-numru 48/2003 fl-istess ismijiet.

This property will be sold as described and valued in the amount of Lm24,000 by Joseph Mizzi A&CE in his report filed in the records of the writ of summons preceding and relating to this judicial sale bearing reference number 48/2003 in same names.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali

Illum 2 ta' Settembru 2005

ANTHONY MIZZI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)
Superior Jurisdiction
General Jurisdiction Section

This 2nd September 2005

ANTHONY MIZZI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1862

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-7 ta' Lulju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fid-29 ta' April 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil James Aquilina ta' c/o Middle East Inst. Ltd 148/12 Triq it-Torri, Tas-Sliema, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u ħamsa u ħamsin lira Maltija u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm155.77) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Nru 944/05 JR) hija differita għall-15 ta' Settembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 12 ta' Settembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 7th July 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 29th April 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn James Aquilina of c/o Middle East Inst. Ltd 148/12 Triq it-Torri, Sliema, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and fifty five Maltese liri and seventy seven cents (Lm155.77) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The cause (Claim No. 944/05 JR) is put off to the 15th September 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th September 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1863

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Awissu 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 850/93 , fl-ismijiet Nazzareno Zammit pro et noe vs Joseph Zahra ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Saviour Zammit a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippresentat fil-Qorti ta' l-Appell, fl-4 ta' Frar 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 850/93 TM, fl-ismijiet Nazzareno Zammit pro et noe vs Joseph Zahra et, minn Alfred Pace ID 25558(M), ir-rikorrenti espona bir-rispett:

Permezz ta' ċitazzjoni ppreżentata fid-19 ta' Lulju 1993, l-appellati wara li pppremettew li:

1. Huma eredi tal-mejjet Carmelo sive Charles Zammit li miet traġikament fid-29 ta' Lulju, 1988 waqt li huwa kien qed jaħdem fil-barriera Ta' Kandja limiti tas-Siġġiewi, proprjetà tal-konvenut Joseph Zahra;

2. Il-mewt ta' l-imsemmi Carmelo sive Charles Zammit ġrat minħabba negliġenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti ta' l-Enemalta kif stabbiliti mil-liġi da parti tal-konvenuti kollha u cioè ta' sid il-barriera, tal-foreman ta' l-Enemalta kif ukoll ta' l-electrician li ħadem id-dawl fil-barriera;

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 29 August 2005, in the records of the Writ of Summons Number 850/93, in the names Nazzareno Zammit pro et noe vs Joseph Zahra, ordered the following publication for the purpose of service of Saviour Zammit, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an application filed in the Court of Appeal on the 4 February 2005, in the records of the Writ of Summons number 850/93 TM, in the names Nazzareno Zammit pro et noe vs Joseph Zahra et, by Alfred Pace ID 25558(M) the applicant pleaded with respect:

By means of a writ of summons filed on the 19th July 1993, the respondents after having premised that:

1. They are the heirs of the late Carmelo sive Charles Zammit who died tragically on the 29 July, 1988 whilst he was working in the quarry in Ta' Kandja limits of Siġġiewi, property of the defendant Joseph Zahra;

2. The death of the said Carmelo sive Charles Zammit occurred due to negligence, carelessness and lack of observance of the Enemalta regulations as established by law on the part of all the defendants and that is the owner of the quarry, of the Enemalta foreman as well as the electrician who carried out the electricity installation in the quarry;

3. L-atturi ħlief għal Raymond Borg wirtu lill-imsemmi Carmelo sive Charles Zammit għal kwint indiviż kull wieħed;

4. Huwa minħabba l-mewt ta' l-imsemmi Carmelo sive Charles Zammit soffrew danni li għandhom jiġu kkalkolati wkoll fuq telf ta' qligħ li l-imsemmi Carmelo sive Charles Zammit seta' jagħmel tul ħajtu;

.....Omissis.....

Għalhekk l-appellati talbu lill-Qorti sabiex:

1. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti huma responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi bil-mewt ta' Carmelo sive Charles Zammit li miet fid-29 ta' Lulju 1988, u dan b'mod traġiku waqt li huwa kien qed jaħdem fil-barriera ta' Kandja limiti tas-Siġġiewi.

2. tillikwida danni sofferti mill-attur;

.....Omissis.....

3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-atturi dik is-somma hekk likwidata oltre l-imgħax legali;

.....Omissis.....

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-15 ta' Lulju 1993, tal-mandat ta' sekwestru numru 1550/93 u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni.

Permezz ta' nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-esponent Anthony Pace eċċepixxa li:

.....Omissis.....

Permezz ta' nota l-eċċezzjonijiet Joseph Zahra eċċepixxa li:

.....Omissis.....

Permezz ta' nota ta' l-eċċezzjonijiet Saviour Zammit eċċepixxa li:

.....Omissis.....

Illi b' sentenza datata l-20 ta' Jannar 2005 il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili sabet lill-konvenuti responsabbli għall-inċident li seħħ fid-29 ta' Lulju 1988 u li fih miet Carmelo sive Charles Zammit, liema responsabbilità għandha tiġi sopportata kwantu għal nofs (1/2) mill-konvenut Joseph Zahra, kwantu għall-kwart (1/4) mill-konvenut Alfred Pace u kwantu għall-kwart (1/4) ieħor mill-konvenut Saviour Zammit.

Il-Prim Awla inoltre llikiwidat u kkundannat lill-konvenuti jħallsu s-somma komplessiva ta' wieħed u sittin elf tmien mija u ħamsa u sebgħin lira Maltin (Lm61,875) bl-imgħaxijiet

3. The plaintiffs except for Raymond Borg inherited the said Carmelo sive Charles Zammit as to one-fifth undivided share each;

4. It is due to the death of the said Carmelo sive Charles Zammit that they suffered damages which are to be calculated also on the loss of income which the said Carmelo sive Charles Zammit could have made during his life;

.....Omissis.....

Thus the respondents asked the Court:

1. to declare and decide that the defendants are responsible for the damages suffered by the plaintiffs with the death of Carmelo sive Charles Zammit who died tragically on the 29 July, 1988 whilst he was working in the quarry in ta' Kandja limits of Siġġiewi;

2. to liquidate the damages suffered by the plaintiffs;

.....Omissis.....

3. to condemn the defendants or either of whom to pay the plaintiffs that sum so liquidated besides legal interest;

.....Omissis.....

With costs including those of the judicial letter of the 15 July 1993, of the garnishee order number 1550/93 and the defendant is summoned a that a reference to his evidence be made.

By means of a note of pleas the applicant Anthony Pace pleaded:

.....Omissis.....

By means of a note of pleas Joseph Zahra pleaded that:

.....Omissis.....

By means of a note of pleas Saviour Zammit pleaded that:

.....Omissis.....

That by means of a judgement of the 20 January 2005, the First Hall Civil Court found the defendants responsible for the incident which occurred on the 29 July 1988 and in which Carmelo sive Charles Zammit, died which responsibility is to be shared as to one half (1/2) by the defendant Joseph Zahra, as to one-fourth (1/4) by the defendant Alfred Pace and as to one-fourth (1/4) by the other the defendant Saviour Zammit.

The First Hall furthermore liquidated and condemned the defendants to pay the global sum of sixty one thousand eight hundred and seventy five Maltese liri (Lm61,875) with legal

legali mill-25 ta' Ottubru 2005, sal-pagament effettiv.

Illi l-fatti fil-qosor kienu s-segwenti:

Il-konvenut Joseph Zahra kien avviċina lill-esponent sabiex jagħmel sistema tad-dawl fil-barriera ta' l-istess Zahra. Kif lesta x-xogħol l-esponent iċċekjah kif dejjem jagħmel u informa lill-konvenut Zahra biex jassigura li l-membri ta' l-Enemalta jittestjaw is-sistema qabel ma jagħtu l-provvista tad-dawl. Xahrejn wara l-konvenut Zahra reġa' talbu jagħmel xi xogħol ieħor fuq sistema oħra differenti tad-dawl f'parti differenti tal-barriera. Dan ix-xogħol sar fid-29 ta' Lulju 1988. Wara ttestja x-xogħol l-esponent telaq. Dakinhar stess għal ħabta tal-ħamsa ta' filgħaxija Joseph Zahra mar id-dar ta' l-esponent u qallu li kien seħħ inċident fil-barriera.

.....Omissis.....

L-esponenti ħassu aggravat bis-sentenza ta' l-20 ta' Jannar 2005 u qiegħed jinterponi dan l-umli appell minnha.

L-aggravji huma s-segwenti:

1. Responsabbilità ta' l-esponent.

Fis-sentenza tagħha l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wara li qieset l-assjem tal-provi u ċ-ċirkustanzi tal-każ u wara li għamlet apprezzament tagħha fuq dawn il-provi, kienet tal-fehma li r-responsabbiltà għall-inċident għanda tintefa fuq it-tliet konvenuti, liema responsabbiltà għandha tiġi sopporata kwantu għal nofs (1/2) mill-konvenut Joseph Zahra, kwantu għal kwart (1/4) mill-konvenut Alfred Pace u kwantu għal kwart (1/4) l-ieħor mill-konvenut Saviour Zammit.

.....Omissis.....

1. L-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt illi l-Qorti assumiet ir-responsabilità ta' l-esponent fl-inċident de quo allavolja m'hemm ebda prova esterna li torbot direttament l-esponent ma' l-inċident traġiku.

.....Omissis.....

Il-fatt biss li l-esponent ma kienx liċenzjat ma jfissirx li awtomatikament wieħed jista' jassumi nuqqas jew negliġenza.

.....Omissis.....

Bir-rispett kollu dovut, l-ewwel Onorabbli Qorti assumiet li l-problema li kien hemm fis-sistema tad-dawl kien riżultat dirett ta' l-opra ta' esponent. M'hemm però ebda prova esterna li tiġġustifika tali konklużjoni.

.....Omissis.....

Għal din ir-raġuni l-esponent umilment jitlob illi l-ewwel

interest from the 25 October 2005, till theeffective payment.

The facts in short were the following:

The defendant Joseph Zahra had approached the applicant to install an electricity system in the quarry of the same Zahra. As soon as he completed the work the applicant checked it as usual and informed the defendant Zahra to ensure that the Enemalta members test the system before they give the electricity supply. Two months after the defendant Zahra asked him again to carry out some work on a different electricity system in a different part of the quarry. This work was carried out on the 29 July 1988. After testing the work the applicant left. On that same day round about five in the evening Joseph Zahra went to the applicant's home and told him that an accident in the quarry had occurred.

.....Omissis.....

The applicant felt aggrieved by the judgement of the 20 January 2005 and is filing this humble appeal therefrom.

The grievances are the following:

1. Responsibility of the applicant.

In its judgement the First Hall Civil Court after calculating all the proof and the circumstances of the case and after making its evaluation of this proof, was of the opinion that the responsibility for the accident is to be attributed to the three defendants, which responsibility is to be borne as to one half (1/2) by the defendant Joseph Zahra, as to one fourth (1/4) by the defendant Alfred Pace and as to another (1/4) by the defendant Saviour Zammit.

.....Omissis.....

1. The first grievance consists in the fact that the Court assumed the responsibility of the applicant in the incident de quo although there was no external proof which directly links the applicant with the tragic accident.

.....Omissis.....

The fact only that the applicant was not licensed does not mean that one can automatically assume failure or negligence.

.....Omissis.....

With all respect due, the Honourable Court of First Instance assumed that the problem that there was in the electricity system was the direct result of the applicants' work. But there is no external proof which justifies such conclusion.

.....Omissis.....

For this reason the applicant humbly prays that the Court

Qorti kienet żbaljata meta sabet lill-esponent responsabbli għall-inċident de quo speċjalment meta hija ddikjarata li kienet konvinta li l-esponent kien l-awtur tad-difett fis-sistema tad-dawl.

2. Mingħajr preġudizju għas-suespost, aggravju ieħor jikkonċerna l-frazzjonament tar-responsabbiltà. Jiġi rilevat illi l-esponent kien distakkat kompletament mill-inċident li seħħ u konsegwentement il-kundanna ta' kwart (1/4) tar-responsabbiltà globali ta' l-inċident huwa eċċessiv.

(A) Irid qabel xejn jiġi eżaminat bir-reqqa n-ness ġuridiku bejn l-aġir ta' l-esponent u l-inċident traġiku u dan peress li fl-ebda ħin ma l-esponent kien il-kawża prossima ta' dan l-inċident traġiku.

.....Omissis.....

L-esponent forsi jista' jiġi tenut responsabbli biss li eżerċita sengħa mingħajr liċenza, però f'sitwazzjoni fejn ix-xogħol tiegħu kellu jiġi kkontrollat u dan il-kontroll ma sarx kif titlob il-liġi, huwa ma jistax jiġi tenut responsabbli għal inċident peress li m'huwiex il-kawża prossima tiegħu.

.....Omissis.....

Fil-fatt Saviour Zammit jikkonferma illi huwa mar on-site bil-megger u ttestja l-installazzjoni u sab li l-mechanical reading kien tajjeb. Allura dan ifisser li sa fej jaf Zammit ix-xogħol li għamel l-esponent kien wieħed tajjeb.

.....Omissis.....

Fix-xhieda tiegħu, Saviour Zammit jgħid ukoll illi meta għandu jingħata d-dawl għall-ewwel darba l-proċedura hi li l-Korporazzjoni Enemalta għandha tibgħat żewġ min-nies u ta' l-inqas wieħed minnhom għandu jkun 'qualified electrician' u l-ieħor tekniku, u dawn iridu jittestjaw il-cable mis-substation sal-post fejn se jingħata d-dawl.

.....Omissis.....

Jiġi rilevat illi kienet il-Korporazzjoni Enemalta biss li setgħet tawtorizza u tibgħat impjegat tagħha biex tqabbad it-tails tal-main switch mas-service box sabiex jingħata l-kurrent.

.....Omissis.....

L-involviment distakkat ta' l-esponent marbut mal-fatt illi l-Enemalta naqset milli tittestja s-sistema u naqset inoltre milli tieħu dawk il-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex timminimizza l-periklu għandu jittieħed in konsiderazzjoni sabiex tiġi stabbilita r-responsabbilità o meno ta' l-esponent.

.....Omissis.....

of First Instance was mistaken when it found the applicant responsible for the accident de quo especially when it declared that it was convinced that the applicant was the author of the defect in the electricity system.

2. Without prejudice to the above another grievance concerns the apportionment of responsibility. It is pointed out that the applicant had nothing to do with the accident that occurred and consequently the attribution of one-fourth (1/4) of the overall responsibility of the incident is excessive.

(A) In the first place the juridical nexus between the action of the applicant and the tragic accident is to be examined and this because at no time was the applicant the proximate cause of this tragic accident.

.....Omissis.....

The applicant perhaps can be held responsible only that he exercised a trade without a license, however in a situation where his work had to be controlled and this control was not carried out according to law, he cannot be held responsible for the accident because he was not the proximate cause of it.

.....Omissis.....

In fact Saviour Zammit confirms that he went on site with the megger and tested the installation and found that the mechanical reading was good. So this means that so far as Zammit knows the work carried out by applicant was good.

.....Omissis.....

In his evidence, Saviour Zammit also states that when electricity is supplied for the first time the procedure is that the EneMalta Corporation is to send two people one of whom is to be at least a 'qualified electrician' and the other a technical person, and these are to test the cable from the substation to the place where electricity is to be supplied.

.....Omissis.....

It is to be pointed out that only the EneMalta Corporation could authorize and send an employee to connect the tails with the main switch of the service box in order to be given supply.

.....Omissis.....

The remote involvment of the applicant together with the fact that Enemalta failed to test the system and further failed to take those necessary precautions to reduce the danger is to be taken into consideration in order to establish the responsibility of the applicant.

.....Omissis.....

(b) Jiġi rilevat inoltre illi l-ħaddiema li xehdu kollha ddikjaraw li ħadd minnhom ma kien jaf li dakinhar kien se jingħata s-supply tal-kurrent f'dik il-barriera. Ħadd ma kien avżat dwar dan il-fatt.

.....Omissis.....

(ċ) Illi għalhekk bla preġudizzju għal kwistjoni tan-negliġenza kontributorja tal-mejjet Carmelo sive Charles Zammit, kienet il-kombinazzjoni u l-assjem tan-nuqqas tal-konvenut Zahra u Zammit li wasslu għall-inċident traġiku.

.....Omissis.....

II. Likwidazzjoni tad-Danni.

L-ewwel Qorti meta ġiet biex tikkwantifika l-lucrum cessans u partikolarment meta ġiet biex tiffissa d-dħul ta' l-attur irreteniet:

Għar-rigward id-dħul ta' l-attur, jirriżulta li dan kellu paga ta' Lm32 fil-ġimgħa qabel ma miet. Jekk wieħed jikalkula żidiet fil-paga u possibbiltà ta' avvanz fix-xogħol, il-Qorti thoss li jkun opportun li l-lucrum cessans jiġi maħdum fuq dħul annwali ta' Lm5,500. Minn din is-somma m'għandu jsir ebda tnaqqis, la minħabba ħlasijiet tat-taxxa (ara' Muscat vs Schembri' deċiża minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar 1972) u lanqas minħabba ħlasijiet tal-PAYE jew ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà nazzjonali (ara ' Caruana vs Farrugia' deċiża minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 1983).

.....Omissis.....

2. Għandu jiġi rilevat illi l-awment minħabba l-għoli tal-ħajja kien ferm inqas minn dan. Mhux talli hekk, talli x-xogħol li kellu l-mejjet Zammit ma kienx wieħed li kien jirrikjedi xi sengħa jew edukazzjoni partikolari. Inoltre ma nġabet ebda prova mill-atturi li l-mejjet Zammit kellu xi sengħa partikolari jew edukazzjoni partikolari li setgħet tiffaċilita l-possibilità li jsib xogħol aħjar.

.....Omissis.....

3. Fil-fatt il-Prim'Awla f'deċiżjoni datata 16 ta' Lulju 2001, fl-ismijiet Anna Sammut et vs Sammy Meilaq pro et noe fir-rigward ta' inċident fatali li seħħ sena 1988 (l-istess sena ta' l-inċident de Quo), irriteniet li kien ġust li l-paga tad-decuis tiġi mmultiplikata b'ammont ta' 1.07 (minn paga ta' Lm3,448 din għoliet għal Lm3,700). Tali awment huwa wieħed ħafna aktar realistiku. Ma kien hemm ebda raġuni għalfejn il-Prim'Awla tiddipartixxi minn din is-sentenza u tittriplika arbitrarjament is-salarju tad-decujus.

4. Aggravju ieħor jokkonsisti fil-fatt illi l-ewwel-Qorti għażlet li tapplika multiplier għoli ħafna, dak ta' tletin (30) sena.

(b) It is pointed out that the workers who gave evidence all declared none of them knew that on that day electricity was to be supplied in that Quarry. Nobody warned about this fact.

.....Omissis.....

(c) That thus without prejudice to the question of contributory negligence of the deceased Carmelo sive Charles Zammit, it was by chance and the failure of the defendant Zahra and Zammit that brought about the tragic accident.

.....Omissis.....

II. Liquidation of Damages.

The Court of First Instance when it came to liquidate the lucrum cessans and particulary when it came to fix the income of the plaintiff held:

As regards the income of the plaintiff, it results that he had a salary of Lm32 per week before he died. If one calculates increases in wages and possibility of advancement at the place of work, the Court feels that it is opportune that the lucrum cessans be worked out on the annual income of Lm5,500. From this sum no deduction is to be made, nor for tax payments (see Muscat vs Schembri decided by this Court on the 27 January 1972) nor for payments of PAYE social security contributions (see 'Caruana vs Farrugia' decided by this Court on the 23 November, 1983).

.....Omissis.....

2. It is to be pointed out that increase due to cost of living was much less than this. Not only so, but the work that the said Zammit had did not require and skill or special education. Furthermore no proof was forthcoming by the plaintiffs that the deceased Zammit had any particular training or education which could facilitate the possibility to find better work.

.....Omissis.....

3. In fact the First Hall Civil Court in a decision dated 16th July 2001 in the names Anna Sammut et vs Sammy Meilaq pro et noe as regards the fatal accident which occurred in 1988 (the same year of the incident de quo), held that it was just that the wage of the decuis be multiplied with an amount of 1.07 (from a salary of Lm3,448 this was raised to Lm3,700). This amount is much more realistic. There was no reason why the First Hall Civil Court does not depart from this judgement and multiply by three the salary of the decujus.

4. Another grievance consisted in the fact that the Court of First Instance chose to apply a very high multiplier of thirty (30) years.

.....Omissis.....

Għaldaqstant il-multiplier ta' tletin (30) sena użat mill-ewwel Qorti għandu jiġi ridott.

5. Aggravju ieħor jikkonsisti fil-quantum tat-tnaqqis għal konsum personali. Il-Qorti kkalkolat illi l-ammont globali għandu jitnaqqas b'rata ta' 25% minħabba konsum personali.

.....Omissis.....

III. Negliġenza kontributorja.

Aggravju ieħor jikkonsisti fil-fatt illi minkejja l-esponenti fil-mori tal-kawża u anke fis-sottomissjonijiet finali saħaq fuq in-negliġenza kontributorja tal-mejjet Carmel sive Charles Zammit, l-ewwel Qorti ma semmiet xejn dwar il-kontributorjetà o meno da parti tal-mejjet Zammit.

IV. Tnaqqis għal Lump Sum Settlement.

Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti ddeċidiet illi:

F'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għal fatt li kien ser ikun ħemm ħlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-benefiċċjarji. L-inċident in kwistjoni, però ġara fl-1988 u din il-kawża minn meta ġiet intavolata.

.....Omissis.....

Kwindi, japplika dak li qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawża indikata 'Turner vs Agius' li dan it-trapass hu tant twil li għandu jimmilita kontra l-applikazzjoni ta' tnaqqis għal fini ta' lump sum payment'.

.....Omissis.....

V. Imgħax.

Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti ddikjarat li:

Għar-raġunijiet premessi tiddisponi mill-kawża billi wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati, inklużi dawk ta' preskrizzjoni, tilqa' t-talbiet ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu in solidum bejniethom lill-atturi s-somma ta' Lm61,875 (wieħed u sittin elf tmien mija u ħamsa u sebgħin lira Maltija) bl-imgħaxijiet legali mill-25 ta' Ottubru 2000, sal-pagament effettiv u dan peress li d-dewmien f' din il-kawża huwa in gran parti attriwibbli lill-konvenuti.

.....Omissis.....

Għal dawn il-motivi appellant konvenut Alfred Pace filwaqt li jagħmel riferenza għall-provi miġbura u jirriserva

.....Omissis.....

Thus the multiplier of thirty (30) years used by the Court of First Instance is to be reduced.

5. Another grievance consists in the quantum of reduction for personal consumption. The Court calculated that the global amount is to be reduced by a rate of 25% due to personal consumption.

.....Omissis.....

III. Contributory Negligence.

Another grievance consists in the fact that despite that the applicant died during the cause and even in the final submissions he emphasized the contributory negligence of the deceased Carmel sive Charles Zammit, the Court of First Instance did not mention anything regarding the contribution or lack of if of the deceased Zammit.

IV. Reduction due to Lump Sum Settlement.

In its first judgement the Court of First Instance decided that:

In similar cases, it is usual to reduce by a further 20 per cent for the fact that there is a (lump sum payment) to the beneficiaries. The incident in question, however occurred in 1988 and when this cause was filed.

.....Omissis.....

Thus, what the Honourable Court of Appeal stated in the cause indicated 'Turner vs Agius' applies, that ' this delay is so long that it is to apply against the deduction for the purposes of lump sum payment'.

.....Omissis.....

V. Interest.

In its judgement the Court of First Instance declared that:

For the reasons premised decides the cause by after dismissing all the pleas raised, including that of prescription, upholds the plaintiff's claims and condemns the defendants to pay in solidum between them to the plaintiffs the sum of Lm61,875 (sixty one thousand eight hundred and seventy five Maltese liri) with legal interests from the 25 October 2000, till the effective payment – and this because the delay in this cause is largely attributable to the defendants.

.....Omissis.....

For these reasons the appellant defendant Alfred Pace whilst referring to the proof brought forward and reserves to

li jressaq dawk il-provi li huma ammissibbli skond il-liġi, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Jannar 2005 u dan billi tirriformaha fis-sens illi tiddikjara li l-appellant Alfred Pace ma kienx responsabbli ta' l-inċident de quo, jew alternattivament, kemm il-darba din l-Onorabbli Qorti ssib l-appellant responsabbli in parti, tirriduċi sostanzjalment il-grad tiegħu ta' din ir-responsabbiltà u f' kull każ tirriduċi l-quatum tad-danni kemm minħabba r-riduzzjoni fil-grad ta' ħtija kif ukoll billi tirrevedi 'l isfel il-likwidazzjoni tad-danni magħmula mill-Ewwel Qorti u fl-aħħarnett tordna li l-imgħaxijiet għandhom jitħallsu mid-data tas-sentenza definittiva u tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

Appellat: Saviour Zammit, 3, 'Zabulon', Triq il-Qamħ, Ħaż-Żebbuġ.

Reġistru tal-Qori Superjuri, (Appelli) illum 7 ta' Settembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

bring further proof admissible according to law prays with respect that this Honourable Court reforms the judgement appealed given by the First Hall Civil Court on the 20 January 2005 and this by reforming it in the sense that it declares that the appellant Alfred Pace was not responsible for the accident de quo, or alternatively once this Honourable Court finds the appellant responsible in part, reduces substantially his grade of responsibility and in any case reduces the quatum of damages both due to the reduction of the grade of responsibility as well as revises at a lower level the liquidation of damages made by the Court of First Instance and in the end orders that the interest is to be paid from the date of the definitive judgement and confirms the judgement for the rest.

With costs of both instances against the respondents.

Respondent: Saviour Zammit, 3, 'Zabulon', Qamħ Street, Żebbuġ.

Registry of the Superior Courts, (Appeals) today 7 September, 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1864

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-15 ta' Lulju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fid-29 ta' April 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Francesca Sands née Ellul Sullivan ta' Daniela Courts, Flat 4, Triq il-Ħaġra l-Wieqfa, San Pawl il-Baħar tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u ħames liri Maltin u sebgħa u sittin ċenteżmu (Lm105.67) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 951/05AJD) hija differita għat-30 ta' Settembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 12 ta' Settembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 15th July 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 29th April 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Francesca Sands née Ellul Sullivan ta' Daniela Courts, Flat 4, Triq il-Ħaġra l-Wieqfa, St Paul's Bay, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and five Maltese liri and sixty seven cents (Lm105.67) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 951/05AJD) is put off to the 30th September 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th September 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1865

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-25 ta' Frar 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fit-30 ta' Novembru 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Aaron Galea ta' 265, Triq is-Santwarju, Ħaż-Żabbar jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet mija u sitta u sittin lira Maltija u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm366.61) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 2250/04 EG) hija differita għat-30 ta' Settembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 7 ta' Settembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 25th February 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 30th November 2004 whereby they asked the Tribunal to condemn Aaron Galea ta' 265, Triq is-Santwarju, Żabbar, to pay the plaintiff company the sum of three hundred and sixty six Maltese liri and sixty one cents (Lm366.61) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 2250/04 EG) is put off to the 30th September 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 7th September 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1866

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-15 ta' Lulju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fid-29 ta' April 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Matthew Scicluna ta' 44, Sqaq Numru 8, Triq il-Biċċieni, Ħaż-Żabbar PLA 13 iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u sbatax-il lira Maltija u tmien ċenteżmi (Lm117.08) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Nru. 961/05AJD) hija differita għat-30 ta' Settembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 12 ta' Settembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 15th July 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 29th April 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Matthew Scicluna of 44, Alley Number 8, Triq il-Biċċieni, Żabbar PLA 13, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and seventeen Maltese liri and eight cents (Lm117.08) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim No. 961/05AJD) is put off to the 30th September 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th September 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1867

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Awissu 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 3657/05, fl-ismijiet William Howard Capel vs Julie Brachtvogel et, ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lil intimata Julie Brachtvogel, bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

Illum 12 ta' Awissu 2005

Lil: 1. Julie Brachtvogel (bil-purtier)
Seashine View, Flat 1, Letna Street, Mellieħa.

2. HSBC (Bank) Malta p.l.c.
Legal Office, Valletta.

3. Nutar Dr Maronia Fenech, LL.D.
31, Flat 1, St. Thomas Street, Furjana.

Bil-preżenti ittra uffiċjali William Howard Capel, detentur tal-karta ta' identità numru 11951(A) u li fil-preżent qed jirrisjedi ġewwa Central Home, Independence Avenue, Mosta, qed iħassar, jannulla u jirrevoka kwalunque prokura jew mandat li l-istess mittenti ta lill-intimata Julie Brachtvogel, u b'mod partikolari l-prokura li ġiet rilaxxjata favur l-istess Julie Brachtvogel fid-29 ta' Novembru 2004 u li ġiet iskritta fl-atti tan-Nutar Dr Maronia Fenech, LL.D. u dan qed isir għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi.

Tant sabiex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 12 ta' Settembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 29th August 2005, in the records of the judicial letter number 3657/05, in the names William Howard Capel vs Julie Brachtvogel et ordered the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 12th August 2005

To: 1. Julie Brachtvogel (Service by Usher)
Seashine View, Flat 1, Letna Street, Mellieħa.

2. HSBC (Bank) Malta p.l.c.
Legal Office, Valletta.

3. Notary Dr Maronia Fenech, LL.D.
31, Flat 1, St. Thomas Street, Floriana.

By the present judicial letter William Howard Capel, holder of identity card number 11951(A) and who presently resides at Central Home, Independence Avenue, Mosta, is cancelling, annulling and revoking any power of attorney or mandate which the same interpellant gave to the respondent Julie Brachtvogel, and in particular the power of attorney which was released in favour of the same Julie Brachtvogel on the 29th November 2004, and which was enrolled in the records of Notary Dr Maronia Fenech, LL.D. and this is being made for all intents and purposes of Law.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself.

With costs.

Registry of the Superior Courts, today 12th September 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1868

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Awissu 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali Numru 646/04, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Mr Salvu Psaila, ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lill-intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 3 ta' Frar 2004.

Lis-Sur Salvu Psaila

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinterpellak biex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' jumejn tħallas is-somma ta' mitejn u sittin lira Maltija (Lm260) dovuta kwantu għal mitejn u sebgħa u ħamsin lira Maltija (Lm257) fi ħlas lura ta' taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 1980, 1982, 1983 u 1986, u kwantu għal tliet liri Maltin (Lm3) bħala taxxa addizzjonali skond l-avviż hawn unit 'animo ritirandi' u mmarkat Dok 'A'.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont dovut minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek u li kopja tagħha wkoll annessa 'animo ritirandi' u markata Dok. 'B' il-mittent javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fi żmien hawn lilek prefiss huwa jipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini ta' l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att.

Mittent: Dipartiment tat-Taxxi Interni, il-Furjana.

Intimat: 14,
Triq il-Kbira,
Siġġiewi QRM 14
Malta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 12 ta' Settembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 9th August 2005 , in the records of the judicial letter Number 646/04, in the names Commissioner of Inland Revenue vs Mr Salvu Psaila, ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by means of publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 3rd February 2004.

To: Mr Salvu Psaila

The Commissioner of Inland Revenue calls upon you so that within two days you pay the sum of two hundred and sixty Maltese liri (Lm260) due as for two hundred and fifty seven Maltese liri (Lm257)in arrears of income tax or provisional tax for the years of assessment 1980, 1982, 1983, and 1986, and as for three Maltese liri (Lm3) as additional tax according to the notice hereby attached 'animo ritirandi' and marked Doc 'A'.

Whereas you failed to pay the amount due despite of the demand for payment made and a copy of which is hereby attached 'animo ritirandi' and marked Doc. 'B' the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due within the time given to you he shall proceed to the execution of the executive title obtained in terms of Article 40 of the Act regarding the Administration of Tax.

Pay the costs of the present.

Interpellant: Department of Inland Revenue, Floriana.

Respondent: 14,
Main Street,
Siġġiewi QRM 14
Malta.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 12th September 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*